



Brussell, 7 ta' Ġunju 2019  
(OR. en)

10049/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0196(COD)**

---

**FSTR 106**  
**REGIO 142**  
**FC 46**  
**CADREFIN 267**  
**RELEX 583**  
**SOC 443**  
**PECHE 276**  
**JAI 657**  
**SAN 293**

**NOTA**

|          |                                                                                                                              |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Presidenza                                                                                                                   |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                |
| Suġġett: | Pakkett leġiżlattiv għall-Politika ta' Koeżjoni 2021-2027<br>- Stat attwali ġenerali tan-negozjati<br>= Rapport ta' progress |

**I. INTRODUZZJONI**

1. Il-politika ta' Koeżjoni għandha rwol kruċjali fit-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni Ewropea billi tnaqqas id-disparitajiet bejn id-diversi reġjuni tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 174 TFUE. Wara l-pubblikazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027, il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni għall-Politika ta' Koeżjoni għall-perijodu 2021-2027 ġew ippubblikati fid-29 u t-30 ta' Mejju 2018. Il-pakkett leġiżlattiv tal-Politika ta' Koeżjoni jinkludi, b'mod partikolari, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR)<sup>1</sup>, ir-Regolament dwar il-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni (FEŻR/FK)<sup>2</sup>, ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (ESF+)<sup>3</sup>, ir-Regolament dwar il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg)<sup>4</sup>, kif ukoll ir-Regolament għal mekkaniżmu biex jiġi riziżt ostakli ġuridiċi u amministrattivi f'kontest transkonfinali (ECBM)<sup>5</sup>.

---

<sup>1</sup> Dok. 9511/18 + ADD 1.

<sup>2</sup> Dok. 9522/18 + ADD 1-2.

<sup>3</sup> Dok. 9573/18 + ADD 1-2.

<sup>4</sup> Dok. 9536/18 + ADD 1.

<sup>5</sup> Dok. 9555/18.

## **II. STAT ATTWALI TAN-NEGOZJATI FIL-KUNSILL**

2. Il-Presidenza Bulgara tat bidu għall-eżami tal-proposti leġislattivi bl-organizzazzjoni ta' preżentazzjonijiet u l-ewwel skambji ta' fehmiet matul ix-xahar ta' Ġunju 2018.
3. Minn Lulju sa Diċembru tal-istess sena, il-Presidenza Awstrijaka għamlet eżami fil-fond tal-proposti ġuridiċi, inkluż dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali (Koeżjoni) li sar fit-30 ta' Novembru 2018. Sabiex id-diskussjonijiet ikunu aktar effettivi u effiċjenti, il-ħidma fil-Kunsill kienet strutturata minn regolament, u għas-CPR, anke fi blokk tematiki. Mandati parzjali dwar partijiet rilevanti tas-CPR ġew approvati waqt il-Presidenza Awstrijaka.
4. Il-Presidenza Rumena kompliet bl-eżami dettaljat tal-blokk tematiki tas-CPR u r-regolamenti speċifiċi għall-fondi sabiex jinkisbu l-mandati (parzjali) rilevanti għan-negozjati mal-Parlament Ewropew sal-aħħar tal-mandat tiegħu. Din il-ħidma intensa involviet kooperazzjoni mill-qrib ħafna bejn l-Istati Membri b'laqgħa waħda jew tnejn tal-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali (SMWP) kull ġimgħa, b'total ta' 28 laqgħa tal-SMWP matul il-Presidenza Rumena, akkumpanjati wkoll minn diskussjoni politika fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali (Koeżjoni) fil-25 ta' Ġunju 2019.
5. Il-progress li nkiseb fil-parti tar-regolamenti varji tal-Pakkett Leġislattiv tal-Politika tal-Koeżjoni jista' jinġabar fil-qosor kif ġej:

### **Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni**

6. Ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) ġie ppreżentat lill-SMWP f'Ġunju 2018 matul il-Presidenza Bulgara. Eżami dettaljat tat-testi sar matul il-Presidenza Awstrijaka, kif ġie ddikjarat fir-Rapport tal-Presidenza tagħha (dok. 15428/1/18 REV1).
7. Fid-19 ta' Diċembru, taħt il-Presidenza Awstrijaka, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandat parzjali għan-negozjati dwar ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni li jkopri d-dispożizzjonijiet dwar l-ipprogrammar u l-ippjanar strateġiku (**Blokk 1**) u l-ġestjoni u l-kontroll (**Blokk 5**) kif indikat fid-dokument 15429/18 ADD1.

8. Bejn Frar u Ġunju 2019, taħt il-Presidenza Rumena, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandat parzjali għan-negozjati dwar ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni li jkopri :
- il-kondizzjonijiet għall-qafas ta' eliġibbiltà u prestazzjoni (**Blokk 2**) u l-Anness IV dwar il-kondizzjonijiet tematiċi ta' faċilitazzjoni, kif jinsabu fid-dokument 6147/19 ADD1;
  - id-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà (**Blokk 3**) u dwar l-appoġġ finanzjarju mill-Fondi (**Blokk 4**) u l-annessi relatati tagħhom, kif jinsabu fid-dokument 7983/19;
  - id-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni finanzjarja (**Blokk 6**) u l-annessi relatati tagħhom, kif jinsabu fid-dokument 8728/19;
  - id-dispożizzjonijiet dwar id-definizzjonijiet u dispożizzjonijiet oħra bħad-delega tas-setgħa, l-implimentazzjoni, id-dispożizzjonijiet transitorji u dawk finali (**Blokk 7**), kif jinsabu fid-dokument 9590/19;
  - l-Anness III dwar il-kondizzjonijiet orizzontali ta' faċilitazzjoni, kif jinsab fid-dokument 9961/19.
9. Ta' min jinnota wkoll li d-dispożizzjonijiet kollha tas-CPR b'implikazzjonijiet baġitarji (eż. trasferimenti, prefinanzjament, kofinanzjament, diżimpenn) jew ta' natura orizzontali tqiegħdu f'parentesi kwadri u għalhekk ġew esklużi mill-mandati parzjali għan-negozjati msemmija hawn fuq, sakemm isir aktar progress fid-diskussjonijiet dwar il-QFP. Dan ikopri wkoll il-**Blokk 8** (Qafas finanzjarju) tas-CPR.
10. Barra minn hekk, il-Presidenza Rumena ħadmet ukoll fuq allinjament tekniku tal-Annessi tas-CPR sabiex ikun jirrifletti aħjar il-ftehim li ntlaħaq bil-mandati għall-Blokk 1 sa 7 tas-CPR. Verżjoni konsolidata tal-mandati parzjali varji li jkopru s-CPR għandha tiġi ppreparata fi żmien debitu.
11. Minbarra l-ħidma fi ħdan il-korpi preparatorji tal-Kunsill, il-Presidenza Rumena kellha wkoll tliet trilogi politiċi mal-Parlament Ewropew fid-19 u s-26 ta' Frar u s-6 ta' Marzu 2019, li kienu akkumpanjati minn diversi laqgħat tekniċi. Ir-riżultati tal-ħidma u l-eżitu tan-negozjati tat-trilogu jinsabu f'Rapport tal-Presidenza (dok. 10052/19).

### **Regolament dwar il-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni**

12. Wara l-ħidma fuq ir-Regolament dwar il-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni taħt il-Presidenza Awstrijaka, kif indikat fir-rapport tagħha (dok.15428/1/18 REV1), l-SMWP skrutinizza aktar it-test tal-proposta leġislattiva bil-għan li jiġi indirizzat it-tħassib tad-delegazzjonijiet li għad fadal. Wara d-deliberazzjonijiet fil-livell tal-grupp ta' ħidma, il-Presidenza Rumena pproponiet xi emendi addizzjonali għar-Regolament dwar il-FEŻR/FK li ġew diskussi fil-Coreper fit-30 ta' Jannar u fil-15 ta' Frar. Fil-laqgħa tal-15 ta' Frar, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandat parzjali għan-negożjati dwar ir-Regolament dwar il-FEŻR/FK, kif indikat fid-dokument 6147/19 ADD 2. L-Artikolu 3 (Konċentrazzjoni tematika) tqiegħed bejn il-parentesi kwadri u għalhekk ġie eskluż mit-test ta' kompromess sakemm isir aktar progress fid-diskussjonijiet dwar il-QFP.
13. Twettqet ukoll ħidma teknika fuq l-Annessi tar-Regolament, li jinkludu l-indikaturi tal-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni, abbażi tal-ħidma tal-esperti tan-Netwerk ta' Evalwazzjoni.

### **Regolament dwar il-FSE+**

14. Il-ħidma fuq l-artikoli tar-Regolament dwar il-FSE+ bdiet waqt il-Presidenza Awstrijaka, b'enfasi fuq l-oġettivi speċifiċi tar-Regolament (Artikolu 4(1)) u l-kondizzjonijiet ta' faċilitazzjoni relatati (Anness IV tas-CPR). Dan is-sett ta' dispożizzjonijiet intlaħaq qbil dwaru mill-Coreper fil-15 ta' Frar 2019 diġà taħt il-Presidenza Rumena fil-qafas tal-Blokk 2 tas-CPR.
15. Wara li saret ħidma fuq il-partijiet tar-Regolament li kien fadal fil-livell tal-grupp ta' ħidma, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti laħaq mandat parzjali għan-negożjati dwar ir-Regolament dwar il-FSE + u l-Annessi relatati tiegħu fit-3 ta' April 2019, kif indikat fid-dokument 8211/19. Id-dispożizzjonijiet kollha b'implikazzjonijiet baġitarji jew ta' natura orizzontali tqiegħdu f'parentesi kwadri u għalhekk ġew esklużi minn dan il-mandat parzjali għan-negożjati sakemm isir aktar progress fid-diskussjonijiet dwar il-QFP.

### **Regolament dwar il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg)**

16. Taħt il-Presidenza Awstrijaka inbeda eżami dettaljat tar-Regolament Interreg mill-SMWP, b'dibattitu ta' orjentazzjoni u ħidma fuq l-allinjament u l-implikazzjonijiet potenzjali bejn is-CPR u r-Regolament Interreg. Fit-30 ta' Novembru 2018 il-Kunsill Affarijiet Ġenerali (Koeżjoni) ta gwida speċifika għal ħidma ulterjuri, prinċipalment għall-arkitettura tal-Interreg u l-programmi eżistenti biex jirriflettu, sa fejn hu possibbli, l-istruttura tal-perijodu 2014-2020, kif ukoll bil-komponent 5 (Investimenti ta' Innovazzjoni Interreġjonali) trasferit fuq il-FEŻR bħala inizjattiva ddedikata f'dak ir-Regolament.
17. Il-Presidenza Rumena kompliet bil-ħidma tagħha fuq il-fajl b'eżami dettaljat tar-Regolament Interreg sħiħ u l-Anness tiegħu. L-SMWP iddiskuta r-Regolament Interreg f'għaxar laqgħat differenti. Fid-29 ta' Mejju 2019, taħt il-Presidenza Rumena , il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandat parzjali għan-negozjati dwar ir-Regolament Interreg u l-Anness tiegħu, kif indikat fid-dokument 9781/19. Id-dispożizzjonijiet kollha b'implikazzjonijiet baġitarji jew ta' natura orizzontali ġew esklużi mill-mandat parzjali għan-negozjati sakemm isir aktar progress fid-diskussjonijiet dwar i Madankollu, l-emendi li saru fil-Kapitolu VIII mill-korpi preparatorji tal-Kunsill matul il-ħidma tagħhom fuq il-fajl diġà ġew inklużi fit-test.

### **Regolament dwar il-Mekkaniżmu Transkonfinali Ewropew (ECBM)**

18. Fit-tieni nofs tal-2018 beda eżami dettaljat tar-Regolament dwar l-ECBM mill-SMWP, b'dibattitu ta' orjentazzjoni fis-16 ta' Ottubru u seminar iddedikat fil-21 ta' Novembru 2018. Madankollu, il-proposta nnifisha qajmet għadd kbir ta' mistoqsijiet u l-Presidenza Awstrijaka talbet lis-Servizz Legali tal-Kunsill biex jiskrutinizza aktar id-dossier.
19. Taħt il-Presidenza Rumena, is-Servizz Legali tal-Kunsill ippreżenta l-valutazzjoni preliminari tiegħu dwar il-qafas legali applikabbli u dwar l-elementi ewlenin tal-analiżi li għaddejja. L-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar ir-Regolament dwar l-ECBM hija mistennija li tiġi ppreżentata lid-delegazzjonijiet matul il-Presidenza Finlandiża.

### III. KONKLUŻJONI

20. Matul l-aħħar xhur sar progress sostanzjali ħafna. Wara l-ħidma mwettqa mill-Presidenza Bulgara u dik Awstrijaka, u bl-esklużjoni tad-dispożizzjonijiet li huma parti min-negozjati tal-QFP minħabba n-natura baġitarja jew orizzontali tagħhom, il-Presidenza Rumena wettqet u ffinalizzat il-mandati (parzjali) għal negozjati mal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament dwar il-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni, ir-Regolament dwar il-FSE+ u r-Regolament Interreg matul il-mandat tagħha.
  21. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport u tal-progress li sar mill-korpi preparatorji tal-Kunsill dwar il-pakkett leġislattiv tal-Politika ta' Koeżjoni 2021-2027.
-